MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## SCICLUNA DAVID

Seduta ta' 04 ta' Ottubru, 2002

Citazzjoni Numru. 1043/2002/1

CP Trading Company Limited
vs
Misty Blue Company Limited

Illum, 4 ta' Ottubru 2002

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fis-16 ta' Settembru 2002 li permezz taghha s-socjeta` attrici wara li ppremettiet:

Illi s-socjeta’ konvenuta ghandha taghti lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ sebgha t’elef disa mija u tmienja u disghin Liri Maltin u sittin centezmi (Lm7,998.60c), prezz ta’ prodotti varji mibjugha u kkonsenjati lis-socjeta’ konvenuta fuq struzzjonijiet ta’ l-istess socjeta’ konvenuta, skond l-anness prospett (Dok. “A”); kif ukoll l-imghaxijiet legali mid-data tal-fatturi relattivi sal-hlas effettiv.

Illi nonostante illi s-socjeta’ konvenuta kienet giet interpellata diversi drabi sabiex taddivjeni ghall-pagament, hija baqghat ghal kollox inadempjenti.

Illi d-debitu fuq imsemmi huwa cert, likwidu u skadut u ghaldaqstant fil-fehma tas-socjeta’ attrici huwa l-kaz illi dina l-Onorabbli Qorti tghaddi sabiex tiddeciedi skond it-talba bid-dispensa tas-smigh tal-kawza u dana a tenur tal-Artikolu 167 et seq tal-kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta) u l-attur qieghed jipprezenta kontestwalment ma’ dina c-Citazzjoni affidavit skond kif rikjest mill-imsemmi Artikolu 167 tal-kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili (Dokument “X”).

talbet li din il-Qorti ghar-ragunijiet premessi:

1. tiddeciedi t-talba bid-dispensa tas-smigh tal-kawza u dana a tenur tal-Artikolu 167 et seq tal-kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta) u

2. tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici is-somma ta’ sebghat elef disa’ mija u u tmienja u disghin Liri Maltin u sittin centezmu (Lm7,998.60c)), prezz ta’ prodotti varji mibjugha u kkonsenjati lis-socjeta’ konvenuta fuq struzzjonijiet ta’ l-istess socjeta’ konvenuta, skond l-anness prospett (Dok. “A”); kif ukoll l-imghaxijiet legali mid-data tal-fatturi relattivi sal-hlas effettiv.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra legali tal-5 ta’ Lulju 2002 (Dok. “B”), kontra s-socjeta’ konvenuta li hija mgunta minn issa stess sabiex tidher ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' Patrick Gauci fil-kwalita` tieghu bhala direttur tas-socjeta` attrici u l-lista tax-xhieda;

Rat l-affidavit tieghu u d-dokumenti esibiti;

Rat in-nota ta' ammissjoni ta' John Pisani fil-kwalita` tieghu ta' direttur u rapprezentant tas-socjeta` konvenuta pprezentata fit-2 ta' Ottubru 2002 u li permezz taghha s-socjeta` konvenuta ammettiet it-talbiet tas-socjeta` attrici kif promossi kontra taghha;

Billi mill-ammissjoni tas-socjeta` konvenuta t-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fuq ammissjoni tas-socjeta` konvenuta, tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici kif dedotta fic-citazzjoni bl-ispejjez kontra s-socjeta` konvenuta.

**ONOR. IMHALLEF**
**DR. DAVID SCICLUNA**
**D/REGISTRATUR**